# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 945/2021**

**Polina Degiorgio f'isimha proprju u Daniel Degiorgio għal kull interess li jista' jkollu u t-tnejn bhala legittimi rappreżentanti ta' binthom minuri Keira Degiorgio**
**vs**
**[1] Argus Insurance Company (Europe) Limited**
**[2] George Mallia [K.I. 0181664M] bħala werriet ta' Graziella Mallia K.I. 130466M għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Polina Degiorgio u Daniel Degiorgio għal kull interess li jista' jkollu u t-tnejn bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom Keira Degiorgio (L-Atturi) tal-24 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi nhar l-erbatax (14) t'April tas-sena elfejn u dsatax (2019) għal ħabta ta' tmienja u nofs ta' filgħaxija (20.30hrs) seħħ incident awtomobilistiku fi Triq L-Imgarr, fl-Imgarr eżattament ħdejn ir-roundabout ta' San Pawl tal-Qlejja bejn il-vettura tal-għamla Audi bin-numru ta' reġistrazzjoni PKD 333 li kienet qed tinstaq mill-attriċi Polina Degiorgio u l-vettura tal-għamla Maruti bin-numru tar-reġistrazzjoni EBF 503 li kienet qiegħda tinstaq mid-defunata Graziella Mallia.

2. Illi meta d-defunta Graziella Mallia kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBF 503 fi Triq l-Imgarr, qasmet il-karreggjata u marret fil-karreggjata opposta u habtet mal-vettura tal-marka Audi bin-numru ta' registrazzjoni PKD 333 misjuqa mir-rikorrenti Polina Degiorgio.

3. Illi fil-karozza tal-għamla Audi li kienet misjuqa mir-rikorrenti Polina Degiorgio kien hemm bintha Keira Degiorgio, Sue Elle Cuschieri u Elisa Brincat.

4. Illi fil-karozza tal-għamla Maruti li kienet misjuqa minn Graziella Mallia kien hemm Fallon Mallia, Eli Mallia, Mario Campbel u Lucia Axiaq u li fil-ħin tal-incident, il-pulizija stabilixxiet li x-xufier ta' vettura (u cioe Graziella Mallia) kif ukoll Fallon Mallia kienu jinstabu bla ħajja.

5. Illi in konnessjoni ma' dan l-incident infethet inkjesta magisterjali liema konkluzzjoni qed tigi hawn annessa u markata bhala **Dok 'A'**.

6. Illi b'konsegwenza ta' tali inċident, ir-rikorrenti ġarbet ġrieħi gravi fuq il-persuna tagħha u soffriet dizabilita` permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%), hekk kif iċċertifika l-psikjatra Dr Etienne Muscat, permezz tar-Rapport anness u mmarkat bħala **Dok. 'B'**, oltre l-hsarat ohra illi garbet fosthom fil-vettura proprjeta` tagħha.

7. Illi, wkoll b'konsegwenza tal-istess incidnet, il-minuri Keira Degiorgio ġarbet griehi gravi fuq il-persuna tagħha kif ukoll u soffriet diżabilita` permanenti ta' tnejn fil-mija (2%), hekk kif iccertifikaw Mr Joseph E. Briffa u Ms Juanita Parnis, permezz tar-Rapporti annessi u mmarkati bhala **Dok. 'C'** u **Dok. 'D'**.

8. Illi l-imsemmija Graziella Mallia li tilfet ħajjitha fl-imsemmi inċident, wiritha żewġha George Mallia skond it-testment fl-atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli tat-tmintax (18) ta' Novembru 2014.

9. Illi l-istess Graziella Mallia kienet assigurata mal-kumpannija intimata Argus Insurance Agencies Limited in rapprezentanza tas-socjeta Argus Insurance Company (Europe) Limited.

10. Illi dan l-inċident seħħ unikament minhabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Graziella Mallia illi għamlet manuvra imprudenti u perikoluża, kif se jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

11. Illi għalhekk, b'konsegwenza ta' l-inċident de quo, r-rikorrenti soffrew danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

12. Illi r-rikorrenti b'ebda mod ma kienet responsabbli għall-inċident stradali msemmi;

13. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimati baqghu inadempjenti u għalhekk kellha issir din il-kawża;

Għaldaqstant, għar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Graziella Mallia kienet unikament responsabbli għall-incident awtomobilistiku imsemmi fuq li seħħ nhar l-erbatax (14) t'April tas-sena elfejn u dsatax (2019) u għad-danni kollha li r-rikorrenti sofrew b'konsegwenza ta' dan l- inċident;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bl- opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom jew min minnhom ħallasu lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali datata tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u dik tat-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Argus Insurance Company (Europe) Limited (is-Soċjeta' konvenuta) u George Mallia bħala werriet ta' Graziella Mallia (il-konvenut) ta' l-1 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi l-eċċipjenti ma jikkontestawx l-ewwel talba sa fejn l-istess tikkunsidra dikjarazzjoni li Graziella Mallia kienet unikament

responsabbli għall-inċident awtomobiliisku li seħħ fl-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019)

2. Illi l-atturi iridu iġibu l-aħjar prova tad-danni allegatament sofferti in konsegwenza tal-inċident stradali u jippruvaw il-konnessjoni mall-istess kemm in linea ta' damnum emergens u lucrum cessans;
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit l-atturi iridu jippruvaw li aġixxew bħala bonus paterfamilias sabiex jillimitaw u/jew ma jaggravawx kwalunkwe danni allegatament sofferti;
4. Illi l-eċċipjenti jikkontestaw il-persentaġġi ta' dizabillita kunsidrati fil-paragrafi numru 6 u 7 tar-rikors promotur;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni li ġew imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fl-14 ta' April 2019, għall-ħabta tat-8.30pm ġewwa Triq l-Imġarr, l-Imġarr seħħ inċident awtomobolistiku. Dan ġara ħdejn ir-roundabout tal-Qlejja bejn il-vettura bin-numru PKD 333 li kienet misjuqa mill-Attriċi u l-vettura Maruti bin-numru EBF 503 misjuqa minn Graziella Malia li mietet b'konsegwenza tal-inċident.

Dan l-inċident seħħ għaliex l-imsemmija Graziella Mallia saqet il-vettura tagħha meta traversat il-karreġġjata tagħha u daħlet f'dik opposta u sabet il-vettura tal-Attriċi ġejja mid-direzzjoni opposta.  Flimkien magħha l-Attriċi

kellha magħha tlett persuni oħra fosthom lil bintha ta' sena u nofs Keira Degiorgio, li bħall-Attriċi weġġħet b'konsegwenza ta' dan l-inċident. L-imsemmija Graziella Mallia kellha wkoll passiġġier ieħor Fallon Mallia, li wkoll tilef ħajtu fl-inċident inkwistjoni.

B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-Atturi jgħidu li sofrew id-danni u għalhekk fetħu din il-Kawża kontra l-konvenut li huwa l-werriet tal-imsemmija Graziella Mallia peress li dawn qegħdin isostnu, li din kienet taħti unikament għall-inċident.

**Punti ta' Liġi**

Bħala regola ġenerali l-artikoli tal-liġi, applikabbli għall-każ odjern huma 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Skont dawn id-disposizzjonijiet, "*Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" u li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna korrettament josservaw li "*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat*" (Ara **Sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Alfred Mifsud deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, Il-Pulizija -vs-Andre Joel Camilleri u Il-Pulizija -vs- Michael Angelo Xerri**

**deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2022 u fil-25 ta' Jannar 2023**).

**Konsiderazzjonijiet**

Kwantu għar-responsabbilita' tal-inċident ftit li xejn hemm xi tgħid tant li fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jammettu li l-imsemmija Graziella Mallia kienet unikament taħti għalih. Għalhekk dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija biss il-likwazzjoni tad-danni.

Kwantu għad-danni li jiġru b'konsegwenza ta' inċidenti bħal dawn, l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jirregola l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha u jaqsam l-istess f'żewġ aspetti: it-telf attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

Id-*damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li l-*lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."*

Is-somma tad-danni hi dejjem rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-*

*ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara Sentenza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

Issa fil-Kawża li għandna llum, iridu jiġu likwidati danni fil-konfront ta' żewġ Atturi u ċioe' Polina Degiorgio u Keira Degiorgio. Kwantu għad-danni li seta' sofra l-Attur Daniel Degiorgio dan ser jittieħed li sofrietu wkoll l-Attriċi stante li bejniethom hemm il-kommunjoni tal-akkwisti.

*Damnum emergens tat-tifla Keira Degiorgio.*

Il-Qorti tagħmel referenza għar-Rapport mediku ta' Keira Degiorgio. Dan jingħad li kien sewa €300. Għall-bqija din il-Qorti ma sabet ebda danni attwali oħra li ovvjament ser ikunu qegħdin jitħallsu lill-Atturi l-oħrajn qua rappreżentanti tal-imsemmija tifla minuri.

*Damnum emergens tal-Attriċi Polina Degiorgio*

Id-danni effettivi fil-konfront ta' din l-Attriċi huma ħafna aktar kumplessi għaliex apparti l-infieq ta' terapiji u mediċini hawn Malta għamlet ukoll terapiji barra minn Malta li huma kostużi ħafna.

1. Rapport ġie jiswa €400 (a' fol 22), oltre €250 li ntefqu għand l-istess tabib (a' fol 493) u €80 oħra konsulta (a' fol 494).

2. Spejjes psikjatra ta' €240 oħra, Medical Report €350 (a' fol 477), €70 x2 St Jame's Hospital (a' fol 479), €23,320 Castle Craig Hospital (a' fol 482), €1,200x 2 Castle Craig Hospital (a' fol 484 u 486), €696.50 ħlas lill-Avukat Ġenerali (a' fol 492), €433.90 passaġġi tal-ajru (a' fol 500), €633.20 passaġġi tal-ajru (a' fol 504), €271.67 passaġġi tal-ajru (a' fol 506).

Il-punt in dibattitu huwa jekk il-flejjes li ntefqu barra minn Malta għall-kura tal-Attriċi ġewwa l-Ingilterra f'Castle Craig Hospital għandhomx ikunu addebitati għal dawn ix-xorta ta' danni. Li huwa ċert hu, li, li kieku ma seħħx dan l-inċident, din ix-xorta ta' kura ma kinitx tittieħed. Di fatti jirriżulta li qabel dan l-inċident l-Attriċi kienet mara sana u ma kellhiex problemi psikjatriċi (ara a' fol 121). Mhux eskluż li l-inċidenti spjaċevoli li kellha fl-imgħoddi ma telgħux fil-wiċċ iżda dan dejjem b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-Kawża, kif jispjegaw anke wħud mit-tobba li eżaminawha.

Għalkemm tassew huwa l-obblidu tad-danneġjat li jimminimizza d-danni, meta *si tratta* s-saħħa tal-persuna, jekk din għandha l-mezzi jew tista' tiksibhom anke b'self m'hemmx xejn xi jżommha milli tfittex l-aħjar kura possibbli anke jekk din hija aktar kostuża u minkejja anke, din il-kura tista' tingħata wkoll mill-Istat b'xejn. Huwa d-dritt tad-danneġjat li jikseb l-aktar kura ottima. Minn persuna li kienet tgħallem il-ġinnastika b'konsegwenza tal-inċident bdiet tagħtiha għax-xorb bit-tama li tinsa' l-inċident. Kif jinnota t-Tabib Etienne Muscat "*following the accident, Ms Degiorgio began using alcohol in increasing quantities to cope with emotional stress*"( a' fol 18).

It-Tabib Joe Cassar, maħtur mill-Qorti wkoll josserva li l-Attriċi "*bdiet tikkonsma ammont sostanzjali ta' xorb alkoħoliku wara l-inċident <u>bħala konsegwenza</u> diretta tas-sintomi disressanti li kienet qed tesperjenza*" (a' fol 55 (Emfażi tal-Qorti.) It-Tabib Beppe Micallef Trigona jikkonfrma wkoll li "*Kellha sintomi ta' dipendenza. Jiġifieri bdiet tuża l-alkoħol biex tnaqqas minn dawn il-ħsibijiet u dawn narawhom spiss per eżempju fil-miltar, meta jiġu lura mill-gwerra, naqblu li għandu l-PSTD għax jibda jixrob, jiġifieri nibdew naħsbu li l-problema hija tax-xorb, mentri fil-fatt il-problema tkun minħabba t-trawma, li kienu għaddew minnha u jużaw ix-xorb biex jipprovaw inessu dik it-trawma*" (a' fol 77 tergo).

F'kelma waħda problema ġġib lill-oħra u l-alkoħolismu li beda jkollha l-Attriċi huwa ċar b'konsegwenza tal-inċident. Mr. Marini minn Castle Craig jispjega li kienu jirreferu għandhom klijenti minn Malta fost oħrajn Dr. Etienne Muscat, the Oasis Foundation, San Blas, … many other foundations (a' fol 516A et seq). Jgħid ukoll "*I mean yes we at Castle Craig that deal with EMDR which is trauma related therapy …"*(a' fol 516D). Kien Dr. Etienne Muscat li rrefera lill-Attriċi għal Castle Craig (a' fol 516B).

F'dan ir-rigward huma interessanti s-segwenti Sentenzi Inglizi:

**F'Woodrup -vs- Nicol [1993} PIQR Q104 at Q114** intqal hekk:

"*... if on the balanace of probabailties, a plaintiff is going to use private medicare in the future as matter of choice, the defendent cannot contend that the claim should be disallowed because National Health Services are available."* U f'każ ieħor tal-Qorti tal-**Appell fl-ismijiet Peters -vs- East**

**Midlands Health Authority [2009 ] EWCA Civ 145, [2010] QB 48, [2009] 3 WLR 737** ġie ribadit il-prinċipju li "*We can see no reason in policy or principle which requires us to hold that a claimant who wishes to opt to self funding and damages in preference to reliance on the statutory obligations of a public Authority should not be entitled to do so as matter of right. The claimant has suffered loss which has been caused by the wrong doing of the defendants. She is entitled to have that loss made good, as far as this is possible, by the provision of accommodation and care*"

Għalhekk wara li din il-Qorti kkunsidrat, li dan kien kollu seħħ b'konsegwenza tal-inċident u li kienu l-istess tobba tal-attriċi li rreferewha għall-kura barra minn Malta u li din l-istituzzjoni tipprovdi kura speċjalizzata differenti minn dawk lokali. Proprju minħabba din il-kura speċjalizzata li ma jidhirx li setgħet tingħata Malta, tasal għall-konklużjoni, li dawn l-ispejjes għandhom ikunu aċċettati u għalhekk rifużi mill-konvenuti. L-Attriċi hija intitolata li tfittex biex tikseb l-aħjar kura possibbli għaliex finalment hija ma taħti xejn għall-istat ta' saħħa li issa sabet lilha nnifisha fih.

Għalhekk il-Qorti, wara li kkumputat l-ispejjes attwali kollha fuq imsemmija, tasal għall-konklużjoni li dawn jammontaw għal €29,515.27.

<u>*Lucrum cessans*</u>

Fir-rigward ta' dan ix-xorta ta' dannu l-awtur taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti*

*non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*." (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant m'għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' *arbitrio boni viri*, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Għal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ.* Il-kliem *"inkapaċita għal dejjem*" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*" (**Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et**).

Hemm ukoll linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* u ċioe' li sa fejn ikun possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqs li kieku ma kien ġralu xejn (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani**). Iżda huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali*" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*".

Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (**Ara Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**).

Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħoloq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (Ara **App. Ċiv. Tat-30 ta' Novembru 1964 fl-ismijiet Cachia vs Conti et [Kollez. Vol: XLVIII.i.50]**).

Fil-każ tal-lum l-inċident seħħ fl-14 ta' April 2019.

Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (Ara **App. Ċiv. Tas-7 ta'Luju 1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe [Kollez, Vol: LXXXII.ii.242]**).

Hemm ukoll ħaġa oħra: id-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwa sew minn dak in-nhar tal-korriment (Ara **P.A. JSP tal-31 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku

ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul nett. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attriċi wriet li kienet iddaħħal.

Għalhekk fil-Każ tal-Attriċi Polina Degiorgio jemerġi mill-provi li kellha salarju gross ta' €24,512 għas-sena 2019 u l-istess għas-sena 2020 meno €4799. (a' fol 51 u 52). Dan ifisser, li l-qliegħ nett tagħha huwa dak ta' €19,713. Mill-provi jemerġi wkoll li qabel l-inċident l-Attriċi kellha wkoll attivita' kummerċjali li kellha twaqqaf wara l-inċident (ara a' fol 121). Pero' f'dan ir-rigward ma tressqet ebda prova x'kien l-introjtu minn din l-attivita' u mill-formuli tat-taxxa ma jidhirx li qatt ġie ddikjarat xi qliegħ f'dan ir-rigward.

Kwantu għal kif ser ikun ikkalkolat il-qliegħ tal-minuri Keira Degiorgio, il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza tagħha tas-16 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet Michael Vella et -vs- Marjan Lee Pantalleresco et. Appellata).**

F'dik is-Sentenza fil-każ ta' minuri danneġġjant qalet hekk:

"*Fil-każ ta' meta minuri jkun iddanneġġjat intqal ukoll li 'Given the claimant's young age and disabilities, it is not possible to form any view of his employment prospects save by reference to the duration and employment attained of his parents and other members of his family… there are always difficulties in predicting the likely career path of a child as young as a claimant. A good starting point is to look at the employment history of his parents and other close relatives' (Ara* ***Whiten -vs- Healthcare NHS Trust***

***[2022] EWHC 2066 (QB) at 113, ċitata minn Munken On damages and personal injuries and Death, Lexis Nexis, 12th Ed pg 95)".***

Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni l-Qorti ħasset li fil-każ ta' minuri ż-żmien jibda mill-eta' ta' sittax -il sena, l-eta' legali ta' meta persuna jista' jkollha impjieg, sal-eta' pensjonabbli." Il-Qorti tħoss li m'għandhiex tnaqqas minn dan l-ammont ta' snin għaliex ma jirriżultalhiex li l-minuri kienet tbati minn xi kundizzjonijiet mediċi qabel l-inċident, li, li kieku kienu jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tal-element taċ-*chances* u *changes of life*. Il-Qorti ser tkun qed tieħu bħala qliegħ, il-paga minima kif kienet fl-2019 meta seħħ l-inċident. Din kienet ta' €177 fil-ġimgħa.

Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża llum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard**. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar 'l fuq.

Fil-qosor dawn huma l-prinċipji:

Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u ċioe' ta' 65. Dan mhux prinċipju fiss fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirriżulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta'

saħħa ħażin li ma kinux jippermettulha li tgħix sa 65 bħal ma persuna li fil-mument tas-sinistru kienet qrib jew saħansitra żebqet il-65 sena u tkun għadha tista' tkompli b'ħajjitha b'mod normali.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Attriċi meta seħħ l-inċident kellha 21 sena (twieldet fit-3 ta' Marzu 1988 a' fol 204). Dan ifisser, li bil-kriterju fuq imfisser kalkolu ser isir fuq medda ta' 43 sena peress li mara toħroġ bil-pensjoni ta' 64 sena. Mentri l-minuri kellha sena u nofs, iżda kif ingħad il-kalkolu ser ikun mill-eta' ta' 16 -il sena. Għalhekk fi-każ tal-minuri l-kalkolu ser ikun fuq medda ta' 48 sena.

Huwa wkoll stabbilit, li mill-ammont likwidat jridu jitnaqqsu 20% li jirrappreżentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika Sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm -il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha wkoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis.

Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Kawża bdiet fl-24 ta' Settembru 2021. Għalhekk il-Qorti tqies li tnaqqis ta' 18% ikun ġust.

Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu jkun effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

Il-Perit psikjatra tal-Qorti Joe Cassar jasal għall-konklużjoni li l-Attriċi Polina għandha 20% disabilita' (a' fol 55). Mentri rapport mediku dwar Keira Degiorgio, it-Tabib Juanita Parnis sabet 2% disabilita'.

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun possibbli titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma ġarbet il-ħsara. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar min-natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu reali, għaliex huwa inumanament impossibbli, li wara inċident gravi, il-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

Din il-Qorti tqies dan l-element bħala integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Jekk l-Attriċi kienet tipprattika sport, f'dan il-każ il-ġinnastika, dan mhux ser tagħmlu aktar, u jekk kellha l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, kif filfatt

kellha, issa lanqas wieħed ma jista' jkollha. Mhux ħtija tagħha li ma baqetx persuna bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellha qabel l-inċident.

Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' **Heil -vs- Rankin** fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Dan huwa ammont li ma jistax ikun ikkalkolat fuq kriterji fissi iżda wieħed li jiġi likwidat mill-Qorti *ex bono et equo*. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, anke tenut kont tal-osservazzjonijiet li għamlu l-mediċi li eżaminawha, il-Qorti tħoss li għandha tillikwida somma apparti dik solitament kalkolata fuq il-prinċipji ta' **Butler -vs- Heard**. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss li jkun ġust u ekwu li tillikwida l-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) biex jagħmel tajjeb għal dan l-aspett tal-integrita' tal-kapaċitajiet fiżiċi mankati fil-persuna tal-Attriċi.

<u>*Danni oħrajn*</u>

L-attur, żewġ l-Attriċi u missier il-minuri, jgħid li kellu jħallas sebgħa mitt ewro €700 għal Baby Sitter (a' fol 104). Meta seħħ l-inċident it-tifla kellha sena u nofs (a' fol 105). Dan jgħid li "*Il-mara ma riditx tiċċaqlaq mis-sodda. Il-mara riedet tmut u ma riditx toħroġ mis-sodda. Ma riditx issajjar, ma riditx tieħu ħsieb it-tifla tagħha. Ma riditx tnaddaf.*" (a' fol 120). Qabel l-Attriċi qatt

ma kienet rat psikjatra (a' fol 121) u prova f'dan ir-rigward ma tressqitx. L-Attriċi qabel l-inċident kellha business iżda waqfitu wara l-inċident. Din kienet skola tal-gymnastics (a' fol 121).

Għalhekk il-kumpannija li jaħdem magħha l-Atttur bdiet tipprovdi *maid* darba dil-ġimgħa b'dana li l-flus għall-ispiża ridu jintraddu lura lill-Employer tiegħu (a' fol 132) Trade Web Ltd qiegħda tipprovdi nanny biex tieħu ħsieb it-tifla li eventwalment l-ispejjes għaliha jridu jintraddu lura mil-Attur (a' fol 132). F'dan ir-rigward xehdet ukoll, Marianne Zarb li tmur tnaddaf għand l-Atturi darbtejn fil-ġimgħa. Tgħid li ħafna drabi dejjem sabet lill-Attriċi fis-sodda (a' fol 138). Taħdem 8 siegħat kull darba bi €12 is-siegħa u r-riċevuta tħalliha lill-Kumpanija (a' fol 138 u 140).

Jirriżulta li l-ammont li jrid ikun rifuż tas-seftura huwa dak ta' €15,652.72 (a' fol 446). Permezz ta' ftehim datat 15 ta' Awwissu 2021 Trade Web Limited inkarigat Nanny speċifikament biex tieħu ħsieb it-tifla dan għas-salarju ta' €20,000 fis sena. Fl-istess ftehim l-Attur qiegħed jintrabat li jrodd dawn il-flejjes lura (a' fol 447 u 448).

Il-ħtieġa li tkun inkarigata nanny meta t-tifla kienet daqshekk żgħira, hija konsegwenza diretta tal-inċident. Li kieku l-Attriċi ma kellhiex l-inċident ma kienx ikun hemm ħtieġa ta' nanny. M'hemm xejn fl-atti bħala prova, li, li kieku ma seħħx l-inċident, l-Attriċi kienet xorta ser tgħaddi mill-perjodu ta' dipressjoni minħabba raġunijiet anteċedenti għall-inċident inkwistjoni. Għalhekk dawn huma danni li għandhom ikunu ammessi.

Issa jmiss li l-Qorti tagħmel il-Kalkoli tad-danni sofferti mill-Atturi.

*Danni tal-Attriċi*

€19,713 (salarju annwali nett) x (43) (aspettativa tal-ħajja lavorattiva) = €847,659 – 18% (lump sum payment) = 152,579 = 695,080 - 20% (diżabilita' permamenti) = €139,016 + €10,000 (integrita' fiżika) = €149,016 + €29,515 (damnum emergens) = €178,531.

Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power"* dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad *"The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index- imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Għalhekk, wara li qieset l-indiċi tal-ħajja anness mal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti ser tkun qed iżżid is-somma kif likwidata b'6% biex għalhekk is-somma finali rappresentanti sofferti mill-Attriċi ser tkun dik ta' €178,644.

*Danni tal-minuri Keira Degiorgio*

Din il-Qorti diġa' spjegat li fil-każ ta' din il-minuri dawn ser ikunu kalkolati mill-eta' ta' sittax -il sena. Dan ifisser li l-medda ta' żmien li ser tieħu huwa dak ta' 48 sena kalkolabbli fuq il-paġa minima. Dan ifisser hekk:

€117 (paga minima fil-mument tal-inċident) x 52 (Fuq żmien sena) = €6,084 x 48 (aspettativa tal-ħajja lavorattiva) = €292,032 / 18% (lump sum payment) = €239,466 - 2% (rata ta’ diżabilita) = €4789e + €300 (damnum emergens) = €5084. Issa skond rapport mediku ta’ Joseph Briffa jirriżulta li ‘l quddiem ser ikollha tagħmel operazzjoni. L-ispejjes ta’ din l-operazzjoni ser tkun ta’ €1018 biex titneħħa l-asimterija tax-xoffa ta’ fuq (a’ fol 469 u 470). Din ser tkun ammessa bħala parti mid-danni għalhekk is-somma finali hija dik ta’ €6107.

*Danni tal-Attur*

Permezz ta’ ftehim datat 15 ta’ Awwissu 2021 Trade Web Limited inkarigat nanny speċifikament biex tieħu ħsieb it-tifla Keira u dan għas-salarju ta’ €20,000 fis-sena. L-Attur intrabat li jrodd dawn il-flejjes lura (a’ fol 447 u 448). Jirriżulta, li l-ammont li jrid ikun ċertament rifuż f’dan ir-rigward huwa dak ta’ €15,653 (a’ fol 446). Dan ser ikun ammess li wkoll għandu jkun ikkunsidrat bħal dovut.

Fl-aħħar nett irid jingħad li s-Soċjeta’ konvenuta għamlet tagħha l-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor u ma hiex tikkontesta l-presenza tagħha fil-ġudizzju.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa’ l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u konsegwentement tillikwida d-danni fil-każ tal-Attriċi Polina Degiorgio fl-ammont ta' mija, tmienja u sebgħin elf, sitt mija, erbgħa u erbgħin ewro (€178,644). Fil-każ tal-minuri Keira Degiorgio fl-ammont ta' sitt elef, mija u sebgħa ewro (€6107) li pero' għandhom jitħallsu lill-Atturi ġenituri tagħha qua rappresentanti leġittimi tagħha. Fil-każ tal-Attur, fl-ammont ta' ħmistax-il elf sitt mija u tlieta u ħamsin ewro (€15,653).

**Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammonti hekk likwidati lil kull wieħed u waħda mill-Atturi bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Fil-każ tat-tifla minuri, il-Qorti qed tordna lill-Atturi ġenituri sabiex jiddepositaw din is-somma f'kont *joint* f'isimha, ma' istituzzjoni finanzjarja reputabbli, f'kont li jirrendi xi xorta ta' imgħax. Dan l-ammont ma jkunx żbankabbli jekk mhux mill-miuri wara li ssir maġġorenni jew bl-awtorizazzjoni tal-Qorti jekk tkun għadha minuri.

Spejjes tal-kawża kif mitluba għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**